**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru 22**

**Rikors Maħluf Numru 1244/2021 NC**

**Hotel San Antonio Limited (C302)**

**vs.**

**Lumisfar Film Malta Ltd (C96306)**

Illum 14 ta' Lulju 2022

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi Hotel San Antonio Limited ippreżentat fis-16 ta' Diċembru 2021 li jgħid hekk:

*"1. Illi l-esponenti għandu r-rappreżentanza ġuridika tas-soċjeta' rikorrenti u dan kif jirriżulta anke mill-estratt tal-Malta Business Registry anness u mmarkat bħala Dok. A;*

*2. Illi s-soċjeta' rikorrenti daħlet fi ftehim mas-soċjeta' konvenuta kif rappreżentata minn Mr Ivan Buttigieg u Ms Raffaella Nappo, nhar it-tlieta (3) ta' Frar 2021, permezz ta' liema ftehim, is-soċjeta' rikorrenti aċċettat illi takkomoda grupp ta' persuni fil-lukanda tas-soċjeta' rikorrenti bl-isem San Antonio Hotel & Spa, fi Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar, bejn il-25 ta' Jannar 2021 u l-15 ta' Marzu 2021 versu t-termini u l-kundizzjonijiet maqbula bejn il-partijeit fl-istess ftehim (kopja tal-ftehim anness mal-mandat ta' sekwestru li qed jiġi mmarkat Dok. B)*

*3. Illi s-soċjeta' konventua ma onoratx il-ftehim surreferit, b'dan illi l-ħlas dovut lis-socjeta' rikorrenti għas-servizzi varji, inter alia, ta' akkomodazzjoni li kellhom jitħallsu sal-15 ta' Marzu 2021, baqa' ma sarx u għaldaqstant, is-soċjeta' konvenuta hija debitriċi versu s-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' erbgħa u tletin elf u erba' mija u tmienja u disgħin Ewro (€34,498) u dan oltre' l-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%);*

*4. Illi l-ammont fuq indikat huwa ċert, likwidu, li għalaq u dovut;*

*5. Illi għalkemm is-soċjeta' konvenuta ġiet rikjesta tħallas, hija baqgħet inadempjenti;*

*6. Illi sa fejn taf is-soċjeta' rikorrenti, kif rappreżentata, is-soċjeta' konvenuta ma għandiex eċċezzjonijiet validi x'tissottometti għat-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti;*

*7. Illi s-soċjeta' rikorrenti kif rappreżentata taf b'dawn il-fatti pesonalment;*

*8. Illi għalhekk, jeżistu ċ-ċirkostanzi kontemplati fl-Artikolu 167 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tinstema' u tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ;*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti, jogħġobha:*

*1. Taqta' l-kawża bid-dispenza tas-smigħ ai termini tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Tiddikjara illi s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti għas-somma ta' erbgħa u tletin elf u erba' mija u tmienja u disgħin Ewro (€34,498) rappreżentanti servizzi ta' akkomodazzjoni u użu ta' meeting rooms, fost l-oħrajn, bejn il-25 ta' Jannar 2021 u il-15 ta' Marzu 2021 fil-lukanda tas-soċjeta' rikorrenti San Antonio Hotel & Spa, Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar;*

*3. Tikkundanna s-soċjeta' konvenuta sabiex tħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' erbgħa u tletin elf u erba' mija u tmienja u disgħin Ewro (€34,498);*

*Bl-ispejjeż kollha, inkluż tas-sekwestru kawtelatorji numru 1755/2021 u l-imgħaxijiet bit-tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-fattura sal-ġurnata tal-pagament effettiv, kontra s-soċjeta' konvenuta."*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ.

Rat id-digriet tagħha (*a fol.* 19) tat-23 ta' Diċembru 2021 li permezz tiegħu din il-kawża ġiet appuntata għas-smiegħ għas-seduta tat-23 ta' Frar 2022 u li s-soċjeta' konvenuta ġiet ordnata sabiex tidher dakinhar u, fin-nuqqas, il-Qorti kienet ser tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi.

Rat illi fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2022 (*a fol.* 41) għal liema seduta dehru l-konsulenti legali tal-partijiet u kif ukoll rappreżentant tas-soċjeta' attriċi ġie verbalizzat, fost l-oħrajn, hekk:

*"Id-Difensuri tal-partijiet għamlu s-sottomissjonijiet tagħhom dwar jekk il-kawża odjerna għandhix tibqa' waħda bil-Giljottina jew le, u billi fil-fehma tal-Qorti jidher li s-soċjeta' konvenuta għandha eċċezzjonijiet prima facie fil-Liġi jew fil-fatt xi ġġib kontra l-mertu tal-azzjoni attriċi, qed takkorda żmien lis-soċjeta'*

*konvenuta (20) ġurnata mil-lum sabiex tippreżenta Risposta Maħlufa, bil-visto jew notifika tal-Avukat Ilenia Agius."*

Rat illi fis-seduta tallum (*a fol.* 42) ġie verbalizzat, fost l-oħrajn, hekk:

*"Meta ssejħet il-kawża dehru:*

*(a) l-Avukat Ilenia Agius għas-soċjeta' attriċi;*

*(b) l-Avukat Joe Reno Vella li nforma lill-Qorti li l-Avukat Albert Zerafa qed jirrinunzja għall-patroċinju tas-soċjeta' konvenuta u ppreżenta Nota f'dan ir-rigward.*

*Il-kumpannija konvenuta msejħa tliet darbiet ma dehritx.*

*Il-Qorti tosserva li mis-seduta tal-31 ta' Mejju 2022 'l hawn, wara li l-Qorti awtorizzat lill-kumpannija konvenuta tressaq Risposta Maħlufa, din ir-Risposta Maħlufa ma ġietx preżentata. Il-Qorti tosserva wkoll li fis-seduta tal-lum ġiet preżentata Nota f'liema l-Avukat Albert Zerafa rrinunzja għall-patroċinju tal-kumpannija konvenuta. Fid-dawl tal-fatt illi l-kumpannija konvenuta ma daħlitx ir-Risposta Maħlufa kif awtorizzat lilha fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2022 u fid-dawl tal-fatt ukoll li l-kumpannija konvenuta ma dehritx illum u lanqas qabdet avukat biex jassistiha, il-Qorti qiegħda tirrevoka contrario imperio d-digriet tagħha tal-31 ta' Mejju 2022, fejn hija kienet iddikjarat illi sejra taqta' din il-kawza bil-proċediment ordinarju u minflok tiddikjara illi hija sejra taqta' din il-kawza mingħajr smigħ kif mitlub mill-kumpanija attrici fl-ewwel talba tagħha hekk kif kontenuta fir-Rikors Maħluf tagħha".*

Semgħet, fis-seduta tallum, lil John Messina jixhed in rappreżentanza tas-soċjeta' attriċi.

**Ikkunsidrat**

Illi mir-Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi hekk kif maħluf minn Av. David Debono in rappreżentanza tal-istess soċjeta' attriċi u kif ukoll

mill-affidavit tiegħu (*a fol.* 5) jirriżulta li fit-3 ta' Frar 2021 is-soċjeta' attriċi daħlet fi ftehim mas-soċjeta' konvenuta, permezz ta' liema ftehim is-soċjeta' attriċi aċċettat li takkomoda grupp ta' persuni fil-lukanda tas-soċjeta' attriċi bl-isem San Antonio Hotel & Spa, fi Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar bejn il-25 ta' Jannar 2021 u l-15 ta' Marzu 2021 versu t-termini u l-kundizzjonijiet maqbula bejn il-partijiet fl-istess ftehim. Jingħad li s-soċjeta' konvenuta ma onoratx il-ftehim imsemmi b'dan illi l-ħlas dovut lis-socjeta' attriċi għas-servizzi varji li kellhom jitħallsu sal-15 ta' Marzu 2021 baqa' ma sarx u li għaldaqstant is-soċjeta' konvenuta hija debitriċi versu s-soċjeta' attriċi fis-somma ta' erbgħa u tletin elf, erba' mija u tmienja u disgħin Ewro (€34,498) u dan oltre l-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%). Jingħad ukoll li minkejja li saru diversi interpellazzjonijiet għall-ħlas, is-soċjeta' konvenuta baqgħet inadempjenti u li d-debitu huwa ċert, likwidu, li għalaq u dovut u li sa fejn taf is-soċjeta' attriċi s-soċjeta' konvenuta ma kellhiex eċċezzjonijiet validi x'tagħti għat-talbiet tas-soċjeta' attriċi. Fid-depożizzjoni mogħtija waqt is-seduta tallum minn John Messina in rappreżentanza tas-soċjeta' attriċi ngħad li l-ammont mitlub mis-soċjeta' attriċi fir-Rikors Maħluf tagħha għadu kollu dovut.

**Ikkunsidrat**

Illi wara li l-Qorti rat Artikolu 170(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta dwar smiegħ ta' kawżi bil-proċedura sommarja, komunement magħrufa bħala bil-giljottina u tenut kont tal-fatt li l-ammont imsemmi fir-Rikors Maħluf jirriżulta li għadu dovut, il-Qorti hi sodisfatta li s-soċjeta' attriċi ppruvat il-każ tagħha skont il-liġi.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, il-Qorti tikkonkludi illi t-talbiet tas-soċjeta' attriċi huma ġustifikati *stante* illi jirriżultaw ippruvati.

Illi ladarba d-dejn huwa ta' natura kummerċjali b'hekk ikun opportun li ssir riferenza għal dak li ngħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza mogħtija minnha fit-3 ta' Ottubru 2002 fil-

kawża fl-ismijiet **John Muscat et vs. Maġġur Louis Radmilli et** (Numru 1331/2001/1) fejn ingħad hekk:

> "jekk wieħed iqis li l-obbligazzjoni meħuda mill-imħarrkin kienet waħda ta' natura kummerċjali, allura jista' jingħad ukoll li l-imgħaxijiet jibdew jgħaddu *ipso jure* bla ħtieġa ta' talba għalihom b'att ġudizzjarju u b'effett minn dak inhar li l-obligazzjoni kellha titwettaq."

Illi kull fattura hija l-prova ta' bejgħ individwali u distint ta' materjal. Għalhekk il-kwistjoni tal-pagament tal-prezz u tal-imgħax pretiż għandu jitqies fil-kuntest ta' kull fattura individwali.[1] B'hekk l-imgħax għandu jiġi kalkulat b'mod separat mid-data rispettiva ta' kull fattura.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjeta' attriċi billi tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ *ai termini* ta' Artikoli 167 *et seq.* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

(2) Tilqa' it-tieni talba tas-soċjeta' attriċi billi tiddikjara li s-soċjeta' konvenuta Lumisfar Film Malta Ltd hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi fis-somma ta' erbgħa u tletin elf, erba' mija u tmienja u disgħin Euro (€34,498) dovuta kif hawn fuq spjegat;

(3) Tilqa' it-tielet talba tas-soċjeta' attriċi billi tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta Lumisfar Film Malta Ltd tħallas is-somma ta' erbgħa u tletin elf, erba' mija u tmienja u disgħin Euro (€34,498) lis-soċjeta' attriċi Hotel San Antonio Limited.

Finalment, il-Qorti tordna wkoll li l-ispejjeż kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri hekk kif mitluba fir-Rikors Maħluf tas-soċjeta'

[1] *Vide* **J&M Aluminium Ltd. vs. Alu. Care Mosta Limited** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Jannar 2012.

attriċi u bl-imgħax bit-tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-fattura sad-data tal-ħlas effettiv jitħallsu kollha kemm huma mis-soċjeta' konvenuta Lumisfar Film Malta Ltd.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**